MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 94/2006

**Miller Distributors Limited (C344)**

**Vs**

**Brian Farrugia f'ismu propju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem Dingli Top Video**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Frar 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€267.62) rapprezentanti l-prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess. Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta** tal-konvenutipprezentata nhar it-28 ta' Frar 2006 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi fil-fatt il-konvenut dejjem hallas lis-socjeta` attrici '*on consignment'*; il-hlas dejjem sar permezz ta' flus kontanti jew cheque mal-konsenja tal-merkanzija. Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda ta' :

**Alan Schembri**, Credit Control Officer tas-socjeta` attrici, qal li l-ammont reklamat huwa rapprezentanti prezz ta' *batteries* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut. Esebixxa invoice Dok AS1, u jghid li l-konvenut ma hallas xejn minn din is-somma riklamata. Jghid illi skond ir-rekords taghhom il-hlasijiet mill-konvenut dejjem saru b'cekk li dejjem kienu *post dated*.

Esebixxa wkoll Dok AS2 - il-lista ta' deliveries li saru dakinhar mis-salesgirl tas-socjeta` attrici li turi wkoll illi ma giex affetwat il-pagament tal-konsenja in kwistjoni.

Mis-sistema ta' rcevuti taghhom ma setghux isibu l-ircevuta relattiva u lanqas il-konvenut qatt ma pprovdilhom wahda. Jghid illi fiz-zmien l-allegat konsenja, huwa ma kienx impiega tas-socjeta` attrici.

Jghid illi fil-presenza tieghu, il-konvenut kien ikkonstesta l-firma tieghu fuq id-delivery note.

Ix-xhud jikkonferma li kien hemm diversi okkazjonijiet wara l-incident ta' din l-invoice fejn huma kkonsenjaw xoghol lill-konvenut u qatt ma kellmuh fuqha. Kien biss meta huwa ha l-kariga tieghu u qabad id-*debtors list* tal-kumpanija li avvinica lis-Sur Farrugia ghall-hlas.

Ix-xhud itemm ighid illi l-firma tar-ricevitur fuq l-invoice tissinifika illi l-klijent taghhom ircieva l-oggetti kkonsejati.

**Romina Zammit Fava**, Sales Rapresentative (13 ta’ Lulju 2006) xehdet illi li Dingli Top Video huwa klijent taghhom u peress illi filghodu jkun maghluq id-deliveries dejjem saru minnha flghaxija.

Tghid li l-konvenut kien dejjem ihallas b’cekk *post dated* u hija kienet tohrog *temporary receipt* imbaghad kienu johorgu ircevuta mill-ufficini. Hija esebiet zewg temporary receipts ohra li juru li kien ihallas b’cekk - RF1 u RF2. Hija tghid li l-kawza hija dwar konsenja ta’ batteries li ghamlet hi stess lill-hanut tal-konvenut. Dakinhar ma kienx hallasha ghax hu kien qallu li ma kellux cheque book fuqu.

Murija Dok AS1 u mistoqsija jekk hemmx il-firma tagha fuqha, tghid li le. Li hemm biss huma l-inizjali taghha RF li juru illi huwa klijent taghha. Mistoqsija jekk Brian Farrugia iffirmax l-invoice quddiemha hija tghid li dejjem iffirma quddiemha. L-invoices l-ohra ta’ Brian Farrugia gew iffirmati minnu wkoll.

In ri-ezami x-xhud tghid illi l-firma tal-klijent tfisser li l-klijent ikun accetta l-konsenja li tkun saritlu. Jekk ma jkunx accetta dik id-*delivery*, l-invoice tmur lura l-ufficcju u jikkancellaw l-ordni. Allura galadarba giet iffirmata din l-invoice partikolari, giet accettata mill-konvenut. Hija tghid li dejjem lilu sabet biex ikkonsenjat id-delivery.

**Charles Debattista,** prodott mill-konvenut,xehed illi huwa habib tal-konvenut u jiftakar okkazjoni meta mar ghand Miller Distributors mieghu Hal-Luqa u kienu kellmu xi hadd mill-Accounts. Huwa jghid li kien hemm okkazjoni meta ta’ l-Accounts kien talab l-I.D. Card lil Farrugia u meta qabbel il-firem kien qallu ghandek ragun din ma taqbilx. Jghid li ghandu amment ukoll illi kien raw xi cekkijiet bil-firem ta’ Brian biex iqabblu l-firem. Jiftakar ukoll illi dan ta’ l-Accounts kien qal lil Brian Farrugia li kien ha jkellem lill-Avukat u fil-kaz il-kaz jaqa`.

**Brian Farrugia,** il-konvenut xehed illi l-hanut tieghu huwa DVD shop u ilu ghandu madwar sitt snin. Huwa jahdem fih part-time filghaxijiet biss mill-4.30pm sas-7pm. Is-socjeta` attrici kienet tfornih bi *small domestic appliances* u

*batteries*. Is-sistema li kellu maghhom kien illi huma jikkonsenjawlu xoghol permezz ta' salesman taghhom u fuq l-istess konsenja hu kien ihallas.

Huwa jghid li kien dejjem ihallas b'cash jew cekk meta jircievi x-xoghol. Qatt ma halla dejn. Kienu jhallulu invoice mal-konsenja u l-hlas imbaghad kien jircievi forma ta' statement illi kienet tindika li ma kellux bilanci pendenti.

Muri invoice a fol 28 huwa jikkonferma li hija invoice tipika u filfatt hemm miktub fuqha 'kindly settle on delivery.' Wara l-konsenja mertu tal-kawza huwa baqa` jinnegozja mas-socjeta` attrici ghal madwar 7/8 xhur u ghandu anke l-ircevuti tal-hlasijiet li ghamel. F'dawn is-7/8 xhur qatt hadd ma gibidlu l-attenzjoni li kellu xi haga pendenti. Xi 7/8 xhur wara dan l-allegat invoice mhux imhallas, kien gie salesman gdid u meta gablu x-xoghol kien infurmah li kellu xi karta pendenti u staqsieni meta ser jibda jaqta xi haga. Hu kien ipprotesta ruhu dwar dan immedjatament.

Ftit granet wara kien cempillu xi hadd mill-Head Office u kien mar ikellmu. Kien urih invoice bil-firma tieghu u huwa kien gharrfu li dik il-firma ma kienitx tieghu. Huwa kien ikkonsenjalu l-ID Card u xi dokumenti ohra u dan l-ufficjal tal-kumpanija kien qallu li x'aktarx dik il-firma ma kienitx tieghu. F'din il-laqgha kien hemm Charles Debattista. Il-laqgha kienet intemmet billi l-ufficjal kien gharrfu illi kien ser ikellem lill-Avukat u jkellmu lura izda mbaghad irceva l-karta tal-kawza.

Il-konvenut jixhed illi ma jichadx li gieli hallas b'cheques post-dated pero` dejjem tah fil-mument tal-konsenja. Jghid li gieli kienu jaghmlulu karta separata li tindika li hu kien hallas pero` mhux dejjem kienet issir. B'referenza ghall-invoice a fol 28 huwa jghid li dan il-materjal ircevih u dakinhar ma nghatax ircevuta.  Muri l-invoice a fol 28 u l-kopja li hemm a fol 11 tal-process Dok AS1 u jghid li din hija identika ghall-ohra pero` b'firma hdejn 'client signature' li jikkonferma li ma hijiex il-firma tieghu.

Huwa jirritjeni li fl-hanut dejjem ikun hemm hu u allura meta jsir xi delivery dejjem isibu lilu. Jekk ghandu jkun

hemm xi firma din ghandha tkun tieghu. Huwa jichad li qatt kien hemm okkazjoni meta huwa ffirma l-invoice wara.

Ra r-rapport tal-espert kalligrafu **Joseph Gaffiero** li kkonkluda illi :

*"…l-firma ta' fuq Invoice Nru: 135229NF ma kinitx maghmula minn Paul Brian Farrugia, li jgib I.D. Nru 0443970(M), imma hija falza, jew ta' xi haddiehor!"*

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi qabel xejn minn jallega irid jipprova – u f'dan il-kaz is-socjeta` attrici tallega illi hija konsenjat oggetti konsistenti f'batteries kif jirrizulta minn invoice 135229NF li l-konvenut baqa` ma hallasx.

In sostenn tal-allegazzjoni u l-pretensjoni taghha, is-socjeta`attrici tghid fost ohrajn illi l-invoice de quo tigi iffirmata mill-persuna li tkun irceviet il-merkanzija. U ghalhekk sostniet illi firma mit-tnejn illi hemm fuq l-imsemmija invoice hija tal-konvenut.

Ikkunsira ulterjorment :

Illi l-konvenut jichad illi dik hija l-firma tieghu u li huwa qatt rcieva dawk l-oggetti. Jghid ukoll illi fil-hanut, li jifthu filghaxija biss, dejjem hu jkun hemm u ma jistax ikun hemm il-firma ta' haddiehor.

Illi fuq kollox, ir-relazzjoni u l-konkluzjoni tal-Perit Kalligrafu mqabbad mit-Tribunal, jistabilixxi b'mod car u minghajr dubbju illi il-firma fuq l-invoice MHIX tal-konvenut.

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici ma jistax jinghad illi pruvat illi l-oggetti ikkonsenjathom lill-konvenut u li hu ffirma ghalihom. U la dan ma’ giex ippruvat – wisq anqas jista` it-Tribunal jasal biex jilqa` t-talba attrici ghall-hlas.

Huwa minnu illi l-livell tal-grad tal-prova f’dawn il-proceduri huwa wiehed ta’ probabbilita`- izda s-socjeta` attrici lanqas dan il-grad ma lehqet, minkejja il-provi li ressqet u x-xhieda ta’ Romina Zammit Fava, u dan peress illi l-prova maghmula mill-Espert Kalligrafu, titfa` hafna aktar piz fuq u a favur il-verzjoni tal-konvenut, li fuq kollox jirrizulta illi kienet dejjem wahda kostanti, anke barra mit-Tribunal u fid-diskusszjonijiet li kellu mas-socjeta` attrici.

Illi dan qed jinghad ukoll peress illi l-istess Romina Zammit Fava, filwaqt illi xedhet illi kienet hi stess illi kkonsenjat l-battries de quo, b’dan kollu in kontro-ezami tghid illi ma hemmx firma taghha fuq l-invoice li suppost imbaghad fiha il-firma tal-konvenut.

It-Tribunal ghalhekk, mill-kumpless tal-provi kollha prodotti u wara li anke ra l-konkluzjoni tal-espert kalligrafu, ma jistghax ihossu ruhu konvint u komdu jikkonkludi illi l-konsenja tal-batteries de quo fil-fatt saret lill-konvenut.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal, wara illi ra l-atti kollha tal-kaz, id-dokumenti kollha esebiti, sema` x-xhiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------